MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 74/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta’ Frar 2008, li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku fl-20 ta’ Ottubru 2006 kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju kemm fuq il-ħajja miżżewġa kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taż-żwieġ, jew

b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

3. Illi ukoll il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minħabba esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ.

4. Illi *inoltre* l-kunsens tal-attur kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-intimata li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

5. Illi għalhekk l-imsemmi ż-żwieġ huwa null u mingħajr effett u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex tiġi ddikjarata u deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u mingħajr effett fil-liġi u dan għar-raġunijiet hawn fuq indikati u rikonoxxuti fil-Liġi.

Għaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lill-konvenuta tgħid għaliex dina l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku fl-20 ta' Ottubru 2006, huwa null u mingħajr effett fil-liġi u dan għar-raġunijiet hawn fuq indikati jew għal xi waħda jew aktar minn dawk ir-raġunijiet skond l-artikolu 19(1)(c), (d) u (f).

2. Tawtorizza lill-attur illi jirreġistra s-sentenza ta' dina l-Qorti fir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2008 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi preliminarjament għandha terġa’ ssir notifika tar-rikors ġuramentat promotur bil-lingwa Ingliza, *stante* li l-eċċipjenti hija ta’ nazzjonalita’ barranija u għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni ta’ l-atti fil-konfront tagħha, li ġew notifikati lilha bil-lingwa Maltija;

2. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet datat 20 ta’ Ottubru 2006, kien validu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi;

3. Illi ma huwiex minnu li l-kunsens ta’ l-eċċipjenti kien vizzjat b’difett ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju, fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ, u ma huwiex minnu li l-kunsens ta’ l-attriċi kien inflitt b’anomalija psikoloġika li rrendieta mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

4. Illi huwa kontestat li l-kunsens ta’ l-attriċi kien vvizzjat minħabba esklużjoni pożittiva taż-żwieġ, jew ta’ wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ;

5. Illi huwa kontestat ukoll li l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita ta’ l-eċċipjenti, li tista’ tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

6. Illi għalhekk in vista tal-premess, u għal raġunijiet oħra li ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, iż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet datat 20 ta’ Ottubru 2006, kien validu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi;

7. Salv eċċezzjonijiet ohra jekk ikun il-każ.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, kompriża n-nomina ta’ kuraturi u r-risposta ta’ l-istess kuraturi;

Rat l-affidavits tal-attriċi u tax-xhieda prodotti minnu;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ġunju 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Ottubru 2006 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (c), (d), (f), tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta qed tikkontesta t-talba iżda ma ressqitx provi għalkemm ingħatat kull opportunita' tagħmel dan.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (c) – il-kunsens vizzjat minhabba qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li taffetwa l-ħajja miżżewġa;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu;

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **“Joseph Zammit vs Bernardette Zammit”** (27 ta’ Jannar, 2006):

*“Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

Il-kawzali tal-attur hija waħda u ċioe’ n-nuqqas ta’ diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża **“Nicholas Agius vs Rita Agius”** (25 ta’ Mejju, 1995) intqal illi: *“B’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita’; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita’ sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita’ ta’ parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.”* F’dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **“Angela Spiteri vs Joseph Spiteri”** (4 ta’ Novembru, 1994), **“Robert Attard vs Josephine Attard”** (18 ta’ Ottubru, 1995) u **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** (14 ta’ Awissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li kif gia ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija mingħajr ma ntebħu li ż-żwieġ ma seta’ qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet **“Mario Mizzi vs Maris Mizzi”** (15 ta’ Novembru, 2005) il-Qorti ta’ l-Appell ukoll qalet li: *“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.”*

L-attur kellu 'l fuq minn sebgħin sena meta żżewweġ lill-konvenuta, mara barranija li għadha fl-ahjar tagħha. Fil-verita' l-attur kien messu nduna li l-konvenuta kellha ħsieb differenti minn tiegħu għal ħajja miżżewġa tant li kif appena ġie ċċelebrat iż-żwieġ hija għamlitha ċara li xtaqet tiftah negozju naturalment bi flus l-attur. Meta huwa rrifjuta li jdawwar sehem bintu għal fuqha kellhom ġlieda u eventwalment telqet mid-dar. Skond l-attur kellha anke relazzjoni intima ma' mara oħra. Illi m'għandux idea fejn tinsab iżda żgur telqet minn Malta. Mid-depożizzjonijiet *in toto* pero' jirriżulta li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat kif indikat f'dawn is-sentenzi u għalhekk it-talba attur timmerita li tiġi akkolta.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Ottubru 2006; l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------